**2 ta' Mejju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Joseph Felice Pace *noe*

*versus*

Godwin Abela *noe*

## Ħatt u Konsenja ta' Merkanzija – *Tally Sheet* – *Gate Pass-Out*

*Meta jsir il-ħatt ta' merkanzija li tasal Malta bil-baħar, jinħareġ dokument imsejjaħ tally sheet li jiċċertifika l-istat li fih il-merkanzija tnizzlet mill-bastiment.*

*Meta mbagħad il-merkanzija tiġi kkonsenjata lill-importatur, jinħareġ dokument ieħor, imsejjaħ gate pass-out, li fuqu l-importatur jiċċertifika jekk irċeviex il-merkanzija fi stat apparentement tajjeb jew danneġġjata.*

*Dawn iż-żewġ dokumenti joħolqu presunzjoni iuris tantum li dak li jindikaw hija l-verità.*

*Ir-Regolament nru. 90 ta' l-1966 dwar il-Portijiet, li jgħid li s-Supritendent tal-Portijiet jista' jordna li ċerti oġġetti għandhom jiġu ddepożitati fil-beraħ għar-riskju tas-sid, jeħles lill-Gvern minn kull responsabbilità għal xi ħsara li tista' tiġri lill-merkanzija billi din tinżamm fil-beraħ. Dan ir-Regolament ma jservix ukoll biex jeżonera lill-Cargo Handling Company Limited mir-responsabbilità tagħha lejn l-importatur.*

L-att ta' ċitazzjoni jaqra hekk:

"Peress illi fil-15 ta' Mejju, 1987 waslet f'Malta konsenja *Veneered MDF Fibreboard* abbord il-vapur *MV Albatross* li parti minnha ġiet ikkonsenjata lis-soċjetà *Michael Vella & Sons Ltd* wara li ġiet imnizzla minn abbord dan il-bastiment mill-kumpanija konvenuta *The Cargo Handling Co. Ltd.* bi ħsarat konsiderevoli fiha;

"Peress illi meta ġew mgħobbija abbord dan il-bastiment ma kien hemm ebda forma ta' ħsara;

"Peress illi dawn il-ħsarat kienu jammontaw għas-somma ta' ħames mija u sebgħin lira Maltin (Lm570) liema ammont ġie mħallas mill-atturi lill-kumpanija *Michael Vella & Sons Ltd* a bażi ta' polza ta' assigurazzjoni u b'hekk ġew surrogati fid-drittijiet ta' l-istess (Dok. A);

"Peress illi in oltre s-soċjetà attriċi ħallset ukoll is-somma ta' għoxrin lira (Lm20) bħala *survey report* lill-kumpanija *Michael Vella & Sons Ltd* a bażi ta' l-istess polza u minħabba dawn l-imsemmija ħsarat;

"Peress illi dan id-dannu ġie kkaġunat mill-imsemmija konvenuti;

"Peress illi meta dawn ġew interpellati jħallsu ċaħdu r-responsabbilità u għalhekk kellha ssir din il-kawża. "Jgħidu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

(1) Tiddikjara min minnhom huwa responsabbli tad-danni kkaġunati fl-hawn fuq imsemmija konsenja ta' njam;

(2) Ma għandhiex tikkundannah jew tikkundannahom iħallas jew iħallsu lill-attur is-somma ta' ħames mija u disgħin lira (Lm590) ammontanti kwantu għal ħames mija u sebgħin lira (Lm570) in linea ta' danni u għoxrin lira (Lm20) rappresentanti *survey report* fuq l-istess;

"Bl-ispejjeż inklużi l-imgħaxijiet kummerċjali kontra l-konvenuti mill-15 ta' Mejju, 1987; il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni";

Godwin Abela *nomine* eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjetà minnu rappreżentata qdiet il-funzjonijiet kollha rikjesti mil-liġi;

Joseph Curmi *nomine* eċċepixxa illi ċ-ċitazzjoni ma setgħetx issir *in rem* kif qiegħed jagħmilha l-attur, imma kellha ssir personali kontra s-soċjetà konvenuta; u fil-meritu li l-istess soċjetà ma kienet bl-ebda mod responsabbli għall-ħsarat irreklamati billi l-merkanzija ġiet imnizzla mill-vapur fi stat tajjeb;

Il-Qorti, fil-15 ta' Diċembru, 1988, innominat lill-Assistent Ġudizzjarju biex jiġbor il-provi tal-kawża;

*Godwin Abela nomine* fis-26 ta' Jannar, 1989, eċċepixxa ulterjorment illi huwa fi kwalunkwe każ m'huwiex responsabbli għal kwalunkwe ħsarat u dan *ai termini* tar-Regolament numru 90 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet ta' l-1966 li jipprovdi li l-oġġetti elenkati fit-tlettax-il skeda "m'għandhomx jiġu depożitati f'bini iżda għandhom jiġu maħżuna jew depożitati fil-beraħ, u dejjem għar-riskju biss tas-sid"; u l-injam qiegħed f'din l-iskeda;

Fis-6 ta' Frar, 1989 imbagħad, Joseph Curmi eċċepixxa ulterjorment illi r-responsabbilità tiegħu hija eskluża bil-klawsola "*said to contain*" inserita fil-polza ta' karigu. Wara li eżaminat il-proċess, bid-dokumenti esebiti, it-traskrizzjoni tax-xhieda prodotti u n-noti ta' osservazzjonijiet, il-Qorti, tista' tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet;

(1) Preżentement il-mod kif qed isir il-ħatt u l-konsenja tal-merkanzija li tasal Malta bil-baħar, għal dawk li huma r-responsabbilitajiet għad-danni li jirriżultaw, huwa semplifikat mill-presenza ta' żewġ dokumenti li jirrikorru f'kull operazzjoni. Meta l-vapur iħott, il-kunsenja ssir lil *Cargo Handling Company Limited* u meta din l-operazzjoni ssir, joħroġ dokument imsejjaħ *Tally Sheet* redatt minn *Tally Clerk* li jiċċertifika l-istat li fih il-merkanzija tnizzlet minn fuq il-vapur, u ħadet il-konsenja tagħha s-soċjetà *Cargo Handling Co. Ltd.* li għall-konvenjenza, aktar 'l isfel se tissejjaħ semplicement *Cargo Handling*. Meta din imbagħad tikkonsenja l-merkanzija lill-importatur, jiġi redatt dokument ieħor, li huwa magħruf bħala *Gate Pass-Out* li fuqu l-importatur jiċċertifika wkoll jekk irċeviex il-merkanzija fi stat, apparentement, danneġġjata jew sħiħa. Dawn iż-żewġ dokumenti, għall-iskopijiet ta' proċeduri ġudizzjarji, waslu biex, bħala prova, joħolqu presunzjoni *juris tantum*, li dak li jindikaw hija l-verità – sakemm ma jkunx hemm provi oħra serji u preċiżi

li jindikaw il-kuntrarju. Dawn il-prinċipji diġà ġew applikati minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawża – ċitazzjoni numru 451/88 fl-istess ismijiet u deċiża fis-26 ta' April, 1989 anki jekk ma ġewx enunċjati espressament kif qed isir hawnhekk;

(2) Fil-kawża t-*Tally Sheet* u l-*Gate Pass-Out* jindikaw illi l-merkanzija ġiet ikkonsenjata mingħajr ħsara mis-*Sea Malta Company Limited* lil *Cargo Handling*, waqt li t-tieni dokument jindika li l-*Cargo Handling* ikkonsenjat l-istess lill-importatur *Michael Vella & Sons Ltd.* b'xi ħsara. *Omissis;*

(3) Kif intqal, dawn iż-żewġ dokumenti jistradaw il-kawża, fis-sens li, **sakemm ma jinġibux provi serji u prċiżi,** dawn jindikaw illi s-*Sea Malta* għamlet il-konsenja tagħha normalment waqt li l-*Cargo Handling* għamlet konsenja difettuża; bil-konsegwenza li *Sea Malta* m'għandhiex x'tirrispondi, sakemm ma jinġibux provi serji u preċiżi f'sens kuntrarju, waqt li *Cargo Handling* għandha x'tirrispondi;

(4) Ma jidhirx li fil-konfront tas-*Sea Malta* hemm xi prova kontra din il-presunzjoni assoluttiva tat-*Tally Sheet,* u l-Qorti għalhekk m'għandhiex għalfejn tikkonsidra ulterjament l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-*Sea Malta;*

(5) L-eċċezzjoni ulterjuri tal-*Cargo Handling* hija ta' natura ġuridika billi tinvoka r-regolament numru 90 dwar il-Portijiet ta' l-1966:

"Is-Suprintendent **jista', fid-diskrezzjoni tiegħu,** jordna li żebgħat, żjut jew likwidi oħra imfjammabbli, oġġetti li fin-natura tagħhom infushom jistgħu jikkontaminaw jew jagħmlu ħsara lil oġġetti oħra u l-oġġetti speċifikati fit-Tlettax-il Iskeda,

li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, ma għandhomx jiġu ddepożitati f'bini, iżda għandhom jiġu maħżuna jew iddepożitati fil-beraħ, u dejjem għar-riskju tas-sid'';

(6) Din l-eċċezzjoni biex tiftiehem tippostula bħala fatti illi (a) ħsara lamentata ġrat meta l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-*Cargo Handling* u (b) illi din il-ħsara ġrat għaliex il-*merkanzija sakemm damet għand il-Cargo Handling* ma kenitx magazzinata jew maħżuna, imma miżmuma fil-beraħ;

(7) Il-fatt tal-ħsara, kif intqal, huwa preċiżament mill-prova tad-dokument. It-tieni fatt jirriżulta mix-xiehda ta' Anthony Agius tat-28 ta' Frar 1989, għalkemm donnu aktar b'deduzzjoni mill-prattika solita f'każijiet analogi, milli b'verifika attwali tal-każ. Kien x'kien il-każ il-Qorti se teħodha bħala fatt ippruvat u dan a *bażi ta' l-atteġjament tal-Cargo Handling li* taf x'għamlet;

(8) Il-Qorti lanqas ma sabet fil-proċess xi prova li s-Suprintendent tal-Portijiet ta effettivament ordni lill-*Cargo Handling* biex il-merkanzija in kawża ma tiġix maħżuna imma titħalla barra. U jekk din l-ordni, li tista' tingħata, imma mhux bilfors tingaħta, ma ngħatatx, jew, jekk ingħatat, ma ġiex ippruvat li ngħatat, huwa inutli li r-regolament jiġi invokat;

(9) Għall-kompletezza, anki jekk dak l-ordni ngħata, però, dak ir-regolament ma jeskludix ir-responsabbilità tal-*Cargo Handling;*

Meta dan ir-regolament sar fl-1966, il-konsenja mill-vapur kienet issir direttament lill-importatur jew lit-trasportaturi li huwa jqabbad. Ir-regolament huwa intiż biex jeħles lill-Gvern minn

kwalunkwe responsabbilità għal xi ħsara li tista' tiġri lill-merkanzija, konsegwenti għad-divjet ta' l-awtoritajiet li ċerta merkanzija, sakemm tinħeles mid-Dwana, tiġi ammessa fl-imħażen u l-*verandahs* tal-Gvern, u jkollha tibqa' fil-beraħ, soġġetta għax-xemx, riħ u xita, u l-malintenzjonati. U l-importatur kellu jaħseb huwa kif iħarisha mill-ħsara li jista' jiġrilha minħabba f'daqshekk;

Meta fl-1976 daħlet il-*Cargo Handling* biex tieħu l-konsenja minn fuq il-vapur, u mbagħad hija tgħaddiha lill-imporatur, hija ħadet post dan ta' l-aħħar *vis-a-vis is-Suprintendent, u għalhekk ir-regolament jeħles lill-Gvern minn kull responsabbilità għall-ħsara li tista' ssofri l-Cargo Handling* minħabba ordni biex ċertu tip ta' merkanzija tibqa' fil-beraħ u ma tidħolx fl-imħażen, u dan għaliex naturalment il-*Cargo Handling* irrimpjazzat lill-importatur. *Ir-regolament ma jipprovdix* għar-relazzjoni tal-*Cargo Handling* u l-importatur, imma jipprovdi għar-relazzjoni tas-Suprintendent ma' min jirċievi l-ordni ta' l-istess Suprintendent, li fiż-żmien li sar – fl-1966 – kien ikun is-sid, waqt li llum post dan ittieħed mill-*Cargo Handling* li tingħata u tirċievi l-ordni mingħand is-Supritendent. Il-*Cargo Handling* għandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li ġejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li ġew akkordati lilha u fost dawn l-*obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija* li *ma* tistax taħżen, u jkollha żżomm fil-beraħ, trid tħares l-istess merkanzija minn kull ħsara li tista' tiġrilha minħabba dan il-fatt. U jillustra dan l-obbligu l-istess rappreżentant tal-*Cargo Handling* meta jispjega illi meta huma jħallu l-merkanzija fl-apert:

"Dan ikun magħluq, fis-sens illi l-*area* tkun *enclosed* u ħadd apparti mill-uffiċjali kkonċeranti *(recte* nteressati) ma jkollu aċċess għalihom. Dan qed *ngħidu b'ċertezza peress li meta jkun hemm*

merkanzija ta' ċerta kwantità, dejjem hekk jiġri'' – xiehda Anthony Agius – 28 ta' Frar, 1989;

(10) Fuq il-bqija ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni fis-sens illi fuq id-danni rikjamati mill-attur *nomine* l-provi tiegħu biss saru u ma ġewx verament ikkontestati;

*Għaldaqstant – wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut* Godwin Abela *nomine*, tilqa' l-eċċezzjoni ta' fatt issollevata mis-*Sea Malta Company Limited* – tiddikjara lill-istess Godwin Abela *nomine* responsabbli għad-danni sofferti mill-assigurat ta' l-attur *nomine* u tikkundannah iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' ħames mija u disgħin lira (Lm590) in risarċiment tad-danni kif spjegat fiċ-ċitazzjoni, u l-interessi relattivi mill-14 ta' Diċembru, 1987 – data meta l-attur *nomine* ħallas il-flus li qiegħed jirkupra b'din il-kawża – u mhux *mill-15 ta' Mejju*, 1987 li hija sempliċement id-data meta wasal il-vapur u m'għandha x'taqsam xejn mad-danni rikjamati;

L-ispejjeż a karigu ta' l-istess Godwin Abela *nomine* barra dawk ta' Joseph Curmi *nomine* li għandhom jiġu sopportati mill-attur *nomine,* ħlief għal dawk li jistgħu fit-tassazzjoni jirriżultaw mit-tieni eċċezzjoni, u mill-eċċezzjoni ulterjuri, li għandu jbatihom l-istess Joseph Curmi *nomine,* in kwantu huwa inutli la l-fatt primarju ma jissusistix, kif l-istess konvenut kien jaf mill-bidu tal-kawża.